MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-25 ta' April, 2008

Numru 392/2008

**Il-Pulizija**
**Spettur James Grech**
**v**

**JANIS CARUANA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **JANIS CARUANA** ta' wiehed w ghoxrin sena bin Alexander u Mary nee D'Amato, imwieled Pieta nhar t-tnejn w ghoxrin ta' Novembru 1985 u residenti 8, Dahlet Gnien s-Sultan, il-Belt Valletta, detentur tal-karta tal-identita numru 5777785M gie mressaq quddiemha akkuzat:

1. talli fix-xhur ta' bejn Marzu w April 2008 gewwa l-Belt Valletta, b'diversi atti maghmulin minnu li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, voluntarjament hassar, ghamel

hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema ammont ta' hsara ma jiskorrix l-elf mija erbgha w sittin Euro u disgha w sittin Euro centemzi imma jeccedi l-mija u sittax l-Euro u sebgha w erbghinEuro centezmi, ghad-dannu ta' Amanda Frances Mallia, detentrici tal-karta tal-identita numru 516089M bhala sid l-farmacija 'New British Dispensary' sitwata fi Triq San Gwann, il-Belt Valletta;

2. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ikkommetta serq ta' diversi cameras (CCTV) ta' valur li jeccedi l-ammont ta' mitejn tnejn u tletin Euro u erbgha w disghin Euro centezmi izda inqas minn elfejn tlett mija disgha w ghoxrin Euro u sebgha w tletin Euro centezmi, liema reat huwa aggravat bil-mezz, bil-valur u bil-hin ghad-dannu ta' Vincent Farrugia detentur tal-karta tal-identita numru 679652M bhala sid il-hanut bl-isem 'Mexx' sitwat fi Triq Repubnblika, il-Belt Valletta, ta' Claude Degiorgio detentur tal-karta tal-identita numru 434073M bhala sid il-hanut bl-isem 'Play Smart' sitwat fi Triq il-Merkanti, il-Belt Valletta, u Annunziato Bonello, detentur tal-karta tal-identita numru 388253M bhala sid il-hanut bl-isem 'Luciano & Cettinas Pizza, Pasta & Café' sitwat fi Triq il-Merkanti, il-Belt Valletta;

3. talli fl-istess zmien, xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex jbieghhom jew imexxihom.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom l-istqarrija tal-imputat bhala Dok. A, l-estratt mill-att tat-twelid tal-istess imputat bhala Dok. B, l-fedina penali tal-imputat bhala Dok. C u l-erbgha okkorrenzi bhala Dok. D, E. F u G.

Semghet lil Ufficjal Prosekutur l-Ispettur James Grech jiddikjara li qed jirtira l-ewwel (1) akkuza u li t-tielet (3) akkuza giet moghtija b'mod alternattiv ghat-tieni (2) akkuza.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat fir-rigward t-tieni (2) akkuza kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar l-hamsa w ghoxrin t'April 2008, u cioe fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tal-imputat u meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni voluntarja w inkondizzjonata tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssbu hati tat-tieni (2) akkuza kollha kif dedotta kontra tieghu.

**Il-Qorti** ghalhekk, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikoli 261(b)(c)(f), 278, 279, 280 u 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li ssib lil imputat JANIS CARUANA hati tat-tieni (2) akkuza kif dedotta fil-konfront tieghu fuq ammissjoni tieghu stess** u tiddeciedi li **tikkundannah ghal perjodu ta' sentejn [2] prigunerija sospizi ghal perjodu ta' erbgha [4] snin bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Tiddikjara li qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel (1) akkuza stante li giet irtirata mill-prosekuzzjoni u tat-tielet (3) akkuza stante li din giet moghtija b'mod alternattiv ghat-tieni akkuza mill-istess prosekuzzjoni.**

**In oltre, qed taghmel ordni ta' supervizjoni ai termini tal-artikiolu 28G(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghal perjodu kollu operattiv ta' din is-sentenza.**

**Il-Qorti tordna li kopja ta' din s-sentenza tigi notfikata lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation sabiex jigi nominat kandidat idoneju ghal tali supervizzjoni fil-**

**waqt li tattira l-attenzjoni tal-Probation Officer li ser jigi nominat li l-imputat jinsab rikoverat d-Drug Dependency Unit tal-isptar Mater Dei.**

**Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tinghata lil imputat wara li spjegat fi kliem car lil imputat l-import ta' din s-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li huwa jonqos li josservha u l-imputat iddikjara li fehem ben tajjeb.**

**Il-Qorti tordna, wara li rat l-artikolu 403(1) tal-Kap 9, li ai termini tal-artikolu 401(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kopja ta' din s-sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lil Avukat Generali fiz-zmien moghti fil-ligi.**

**Consuelo Scerri Herrera LL. D.**
**Magistrat**

**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Il-Pulizija**
**Spettur James Grech**
**v**

**JANIS CARUANA**

**ORDNI TA' SUPERVIZZJONI**
**[Artikolu 28G(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta]**

**Seduta ta' llum, 25 t’April 2008**
Billi b'sentenza moghtija llum fil-kawza fl-ismijiet fuq premessi l-imsemmi **JANIS CARUANA gie kkundannat** ghal **piena karcerarja ta' sentejn [2] sospizi ghal erbgha [4] snin ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**

Wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta’ Supervizzjoni;

Wara li fissret bi kliem car l-effetti ta’ dan l-Ordni ta’ Supervizzjoni lil imputat probationer, inkluz l-htigijiet mizjuda skond s-sub artikolu 7(1) tal-Kap 446 w innutat li l-istess probationer wera li jrid jhares l-htigijiet ta’ din l-istess Ordni;

**Tordna li** l-imsemmi **JANIS CARUANA** ta' wiehed w ghoxrin sena bin Alexander u Mary nee D’Amato, imwieled Pieta nhar t-tnejn w ghoxrin ta’ Novembru 1985 u residenti 8, Dahlet Gnien s-Sultan, il-Belt Valletta, detentur tal-karta tal-identita numru 5777785M **jitqieghed taht is-supervizzjoni tal-Ufficjal Sorveljanti nominat u dan ghal perjodu kollu ta' erbgha [4] snin mill-lum taht dawn il-htigijiet:**

1. Illi matul dan il-perjodu ta’ erbgha (4) snin imputat ghandu jgib ruhu tajjeb, jghaddi hajja ta'

bzulija u joqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer, inkluz kull direttivi li l-Probation Officer jhoss li jkunu necessarji sabiex ma jiffrekwentax certu postijiet u/jew certi nies;

2. Illi l-imputat ghandu jibqa jzomm kuntatt kontinwu mal-istess Probation Officer skond d-direttivi li dan jaghtih minn zmien ghal zmien u partikolarment huwa ghandu, jekk l-Probation Officer ikun irid hekk, jircievi zjarat tieghu fid-dar tieghu;

3. Illi l-imputat ghandu minnufih jgharraf lil Probation Officer b'kull tibdil ta' residenza u/jew xoghol tieghu;

4. Illi l-imputat ghandu jidher quddiem il-Qorti flimkien mal-istess Probation Officer kull tlett (3) xhur fid-data w il-hin li jigu komunikati lilu mill-istess Probation Officer bl-iskop li l-Qorti jkollha rapport dwar l-andament u l-imgieba tal-istess imputat probation; u

5. Illi jibda minnufih kors ghad-disintossifikazzjoni mill-abbuz tad-droga li ghandu u f'kaz li jitlaq fi kwalunkwe stadju minn dan il-kors, jitqies li kiser l-ordni moghtija lilu minn din il-Qorti permezz ta' din s-sentenza w ghalhekk tali sentenza tiskatta minnufih.

**Tordna li kopja ta' din l-Ordni tinghata lil hati, lid-Direttur inkarigat mill-Ufficju tal-Probation Services kif wkoll lil Ufficjal Sorveljanti nominat skond s-sub artikolu 7(8) tal-Kap 466 tal-Ligijiet ta' Malta.**

…………………………..
**JANIS CARUANA**
**Numru tal-karta tal-identita 577785M**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------